# <u>TRIBUNAL INDUSTRIJALI</u>

Kaz Nru. 3670/JHP

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Reeta Naz (KI-168356))

u

Support Services Limited (C-30778)

*dwar : tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**<u>Chairman: Sur James Pearsall Msc. H.R. Trg & Perf. (Leic.) Dip in Soc. Stud (Labour Studies) UOM</u>**

**<u>DIGRIET</u>**

Wara illi fir-raba' seduta l-partijiet ghamlu referenza ghad-Decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tal-25 ta' Jannar, 2019, Appell Nru : 35/2018/AE fl-ismijiet - Waldemar David Galea vs l-Universita' ta' Malta, in vista ta' liema, il-Qorti ta' l-Appell iddikjarat illi t-Tribunal Industrijali ma ghandux gurisdizzjoni jisma' kazijiet ta' allegata tkeccija ngusta minn kuntratt definit tax-xoghol.

It-Tribunal wara li sema' l-partijiet u wara li fil-hames seduta is-sitwazzjoni baqghat l-istess, u kkunsidra dak li kellhom xi jgħidu;

Ra l-paragrafi (a) u (b) tal-Artikolu 75(1) tal-Kap 452 fejn fid-definizzjoni ta' tkeċċija inġusta jissemma biss kuntratt għal żmien indefinit,
Ra s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) sedenti l-Imħallef Anthony Ellul tal-25 ta' Jannar 2019 (Appell Numru: 35/2018) Waldemar David Galea vs l-Università ta' Malta.

Jiddeċidi li t-Tribunal Industrijali m'għandux il-kompetenza li jisma' u jiddeċidi dan il-każ li huwa dwar tkeċċija allegatament inġusta.
A tenur ta' l-Artikolu 741 (b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili t-Tribunal Industrijali jordna li l-atti tal-proċeduri ta' dan il-każ jiġu trasferiti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex tieħu konjizzjoni tiegħu.

Illum : 28 ta' Ottubru, 2019

**James H. Pearsall**
**Chairman**